# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 4 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**George Mifsud**

**Kumpilazzjoni Nru: 740/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Mifsud detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 203281(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Awwissu, 2015 gewwa Deep Water Quay mal-wasla tieghu f'Malta minn Sqallija, mill-Catamaran, Jean De La Vellatte, bil-vettura tal-marka Toyota bin-numru tar-Registrazzjoni JBR 775;

1. Dahhal f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-polvri jew ta' xoghlijiet tan-nar, inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplosivi ohra, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi jekk, minghajr awtorita' legali jew skuza ragonevoli jew minghajr il-permess bil-miktub ta' l-ufficjal tas-sigurta' tal-bastiment (fil-kaz ta' tlugh abbord bastiment) jew ta' ufficjal tas-sigurta' ta' facilita' portwali (fil-kaz ta' dhul f'zona ta'

sigurta portwali), xjentement ittella’ , jew tittanta ttela’ abbord bastiment jew fiz-zona ta’ sigurta portwali – xi munizzjon jew xi sustanza jew taghmir esplossiv, incendjarju, bijologiku jew kimiku jew xi sustanza jew taghmir iehor ta’ kull xorta li jista’ jaghmel hsara, u li jista’ jintuza biex jipperikola s-sigurta’ – tal-bastiment jew tal-persuni abbord il-bastiment, jew fiz-zona ta’ sigurta portwali jew tal-persuni fiz-zona ta’ sigurta portwali.

3. U aktar talli fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement dahhal f’Malta kwantita’ ta’ Piroteknika li d-dhul taghha f’Malta hija projbita u/jew ristretta u li ghandha valur totali ta’ €1, 792 Dazju xejn, Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal €322.56 liema VAT ma’ giex imhallas jew kawtelat.
4. U aktar talli fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement dahhal f’Malta kwantita’ ta’ Piroteknika li d-dhul taghha f’Malta hija pprojbita u/jew ristretta u li ghandha valur totali ta’ €1,792 Dazju xejn, Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal €322.56 liema VAT ma giex imhallas jew kawtelat.

F’kaz ta’ htija il-prosekuzzjoni talbet lil Qorti ghall-iskwalifika ta’ kull licenzja tan-nar u l-konfiska u d-distruzzjoni tal-konsenja ta’ Piroteknika kif ukoll il-konfiska tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JBR 775 li serviet ghall-gar ta’ l-istess konsenja liema konsenja ta’ Piroteknika u l-vettura inqabdu bin-noti ta’ qbid 124/2015 u 125/2015 rispettivament.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqmsu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imutazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat minn-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-porceduri u l-fedina penali kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikou 3 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 60(a)(b)(c)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 45 ta'l-Avviz Legali 484 tas-sena 2004, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

- Ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet tikundannah multa ta' sitt elef Euro (€6,000) li ghandha tithallas fi zmien sentejn; b'applikazzjoni ta'l-artikolu 40 tal-Kapitolu 33 qed tordna il-konfiska u d-distruzzjoni a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti tal-materjal pirotekniku esebiet; u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 40A tal-Kapitolu 33 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja ai termini ta' l-istess Kapitolu 33 ghal perjodu ta' teltt (3) snin u qed tiskwalifikah ukoll minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur.
- Ghat-tielet imputazzjoni tikundannah multa ta' sitt mitt Euro (€600) li terz minnha ghandu jitqies bhala dejn civili pagabbli lid-Direttur Generali (Dwana), in oltre qed tordna l-konfiska favur id-Direttur Generali (Dwana) tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) esebieti formalment.
- Ghar-raba imputazzjoni tikkundannah multa ta' disgha mija sebgha u sittin Euro u tmienja u sittin centezmu (€967.68) li terz minnha ghandha titqies bhala dejn civili dovut lid-Direttur Generali (VAT).

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti f'l-atti ta' inkjesta mizmuma in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**